*(rikors revoka mandat qbid)*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 21 ta' Lulju 2021.**

**Rikors Revoka Nru. 601/2021 GM**

**Wara l-Mandat ta' Qbid li jgib in-numru 213/2021 fl-ismijiet :**

**John Cassar (KI 436455M)**

**vs**

**Brandon Piscopo (KI 301697M) u Clifton Piscopo (KI 158194M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Brandon Piscopo u Clifton Piscopo tat-22 ta' Ġunju 2021 għar-revoka tal-mandat ta' qbid fuq indikat.

Rat ir-risposta ta' John Cassar.

Ikkunsidrat:

Safejn ir-rikors huwa bbażat fuq il-premessa li r-rikorrenti mhumiex leġittimi kontraditturi u li l-bejgħ tal-vettura kien wieħed validu, dawn jiffurmaw kwistjonijiet fil-mertu u m'għandhomx post fi proċedura kawtelatorja.

Għalhekk ma jirriżultax li l-mandat mhuwiex prima facie ġustifikat u konsegwentement tiċħad l-ewwel talba.

L-intimati ma ppruvawx li t-talbiet tal-eżekutant ikunu koperti bil-qbid tal-vettura tal-għamla Mercedes biss u għalhekk tiċħad it-tieni talba.

Billi l-mandat mhux abbużiv m'hemmx lok għal penali u għalhekk tiċħad it-tielet talba.

Lanqas hemm lok għall-ħruġ ta' garanzija u għalhekk tiċħad ir-raba' talba.

Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA